# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar is 7 ta' Jannar 2025

**Rik. Gur. Nru.: 14/2023 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AM**

**Vs**

**VC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AM datat 23 ta; Jannar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) (vide Dok A) u minn dan iz-zwieg twieled wild u cioe JM nhar X sena u ghalhekk ghadu minuri (Vide dok B);*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli kagun tal-fatt illi l-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli, filwaqt ukoll li rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi u ragunijiet ohra li wassli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kontendenti;*

3. *Illi konsegwentement iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess intimat;*

4. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat it-23 ta' Novembru 2022 (Dok C);*

5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghadniex:*

i. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni dana minhabba ragunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut, kif fuq spjegat, konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u b'hekk tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn ma zewgha;*
ii. *Tordna lill-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur, ai termini tal-Artikolu/i 154 tal-Kodici Civili u dan fl-interess suprem tal-minuri;*
iii. *Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri JM esklussivament f'idejn l-esponenti u tawtorizzaha sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mal-minuri bhal hrug tal-passaporti, safar, sahha u edukazzjoni tal-imsemmija minuri, u li taghti dawk il-provvedimenti ohra xierqa u opportuni li jikkoncermaw lill-minuri fl-ahjar interess tieghu;*
iv. *Tordna illi l-istess minuri, fl-interess suprem tieghu stess, ghandu jirrisjedi mar-rikorrenti jew familjari taghha u takkorda lill-intimat access limitat versu l-minuri;*
v. *Tiffissa u tillikwida dik is-somma ta' manteniment adegwata ghall-wild minuri tal-partijiet, pagabbli mill-intimat versu r-rikorrenti, kull erbgha (4) gimghat, u dan tenut kont ukoll tal-bzonnijiet tal-wild minuri sa minn meta l-minuri beda jghix mal-familja tal-esponenti;*
vi. *Tordna lil intimat sabiex jivversa wkoll nofs l-ispejjez medici u edukattivi, inkorsi mill-esponenti jew familtha versu ibnu minuri, wara l-prezentata tad-debiti rcevuti;*
vii. *Tordna lill-intimat sabiex jissomministra lir-rikorrenti jew il-familjari taghha, dik it-tali somma ta' manteniment, hekk kif iffisata minn din l-Onorabbli Qorti, liema manteniment ghandu joghla kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja;*
viii. *Tiddikjara lill-konvenut ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*
ix. *Tapplika kontra l-intimat l-effeti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 53 et seq; tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li huwa jitlef kull dritt li jiret lil martu;*
x. *Ixxolji, tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u*

*taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl lill-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali, u billi wkoll, jekk ikun il-kaz tigi stabbilita data minn meta l-intimat ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u l-hila tar-rikorrent; u tassenja porzjoni lill-partijiet ope sententiam, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza, u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

xi. *Tiddikjara u tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tar-rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas lill-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;*

xii. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti partijiet mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wara li tqies it-tortijiet, tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-istess u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas lill-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur taghhom;*

xiii. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qoorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

xiv. *Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku;*

xv. *Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra l-intimat, li hu minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Frar 2023,

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

Rat illi l-intimat ma ntavola ebda risposta u ma attendiex ghas-seduta u ghalhekk huwa kontumaci (Vide Fol 29);

Rat illi l-Qorti akkordat lill-intimat il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai terminu tal-Art 158 (10) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukat difensur tal-attrici;

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni Odjerna:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba sevizzi, eccessi, u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha. Ghalhekk hija talbet li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll li jigu regolati l-aspetti relattivi ghall-minuri iben il-partijiet.

**Il-Verzjoni tal-Attrici u l-Provi Mresqa Minnha:**

L-attrici xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar l-1 ta' Novembru 2023 u spjegat illi hi ltaqghet mal-intimat meta kienet tahdem fil-hanut taz-zebgha ta' missierha u kellha sbatax (17)-il sena mentri l-intimat kien hames (5) snin ikbar minnha.

Tghid li minn dejjem ipprova jikkontrollaha u pprova jallontanaha minn mal-genituri taghha, tant li kien gieghla tmur tnaddaf ghand in-nies minflok tibqa tahdem ma' missierha. Tghid li l-intimat kien dejjem jippretendi li tghaddi tieghu tant li darba imbuttaha t-tarag u garbet korriment ta' tarbija.

Tghid li nannuha kien induna li l-intimat kien se jfisser inkwiet ghaliha u kien offrilha li jtiha post qabel iz-zwieg b'kundizzjoni li ma thallihx johrog spejjez ghalih. L-istess nannu kien qalilha li qabel iz-zwieg l-intimat kien anke qed imur ma' tfajla ohra mill-istess rahal. L-attrici tghid li kienet riedet tizzewgu ghax kienet thobbu imma kienet semghet minn nannuha fir-rigward tad-dar. Kienet arredat d-dar hi bl-ghajnuna ta' missierha li frankalha hafna flus.

L-attrici tghid li l-intimat kien qalilha li hu kien jahdem ghal rasu b'zewg trakkijiet tal-gebel izda dakinhar tat-tieg kienet saret taf li hu kien lavrant bil-paga. Baqghu ghaddejjin ghax hi kellha l-paga taghha u hu tieghu. Tghid li l-inkwiet beda ghax hu kien ppretenda li l-fond matrimonjali jidher bhala li nofs tieghu u li kien baqa' jippretendi li thallas hi dak li kellu x'jaqsam mal-post.

L-attrici nqabdet tqila f'qasir zmien wara z-zwieg izda hu xorta kompla johrog ma' shabu l-kazin, imur lura fis-sakra u anke taht l-effett tad-droga. Kienu qalulha li kienu rawh ma' mara ohra u kienet ikkonfrontatu meta mar lura d-dar. Dakinhar kien gera warajha bis-skieken. Darb'ohra meta regghet ikkonfrontatu, kien waddabha t-tarag u hemm kienet korriet it-tarbija.

Tghid li meta kienet tqila bil-wild taghhom JM kienet marret il-festa tar-rahal mal-familja taghha. Hemmhekk kienet rat lill-intimat hiereg mill-kazin mal-istess mara, kienet ikkonfrontatu dak il-hin izda huma bdew jidhku biha. Missierha kien intervjena biex ma jinqalax l-inkwiet. Wara dakinhar kienet keccitu mid-dar u meta waslet, kienet weldet lit-tarbija wahedha.

Tghid li l-intimat qatt ma vversa manteniment ghall-ibnu u lanqas kien imur jarah. Kien ikun hemm bzonn l-intervent tal-amministrazzjoni tal-iskola sabiex tottjeni l-firma tieghu u kienet taghmel hafna rapporti mal-Pulizija; li kienu jifthemu li l-intimat kien ser imur ghat-tifel, izda ma kienx imur.

Xehdet illi meta kienet dahlet il-habs, l-intimat kien ha lill-minuri mieghu ghal xi xaghrejn izda mbaghad harget u regghet hadet lill-minuri maghha ghaliex hi dejjem kienet hadet hsieb lill-minuri bl-ahjar mod.

L-attrici kompliet tixhed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024. Hija ezebixxiet kopja tal-prokura li tat lill-missierha sabiex jircievi informazzjoni mill-Bank HSBC Bank Malta p.l.c. ghan-nom taghha (fol. 70), kopja ta' ittra rilaxxata mill-istess Bank bhala rikonoxximent li l-Bank kien ircieva s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt euro (€21,500) ghan-nom tal-attrici ghas-saldu tas-self li kellha pendenti mieghu (fol. 71).

Hija xehdet li kienu hadu self ta' madwar sebghin elf euro (€70,000) sabiex jarredaw id-dar li kienet inghatat lill-attrici b'donazzjoni. Nannuha kien rabat l-istess ammont tas-self bhala garanzija mal-bank. L-intimat insista li johrog sehmu fl-arredamenti u missier l-attrici kien qallu biex jixtri ghamara li setgha jiehu mieghu jekk jinqala' l-inkwiet. Tghid li hi kienet taghmel diversi xogholijiet biex thallas dan is-self bhal li taghmel l-kontijiet fil-hanut ta' missierha, thallat iz-zebgha, tikri s-siggijiet fil-festi u anke tbiegh l-ikel fil-festa tar-rahal. Min-naha l-ohra l-intimat kien mar id-dar mitluf minn sensih u t-tabib kien qalilha li kien taht l-effett tad-droga. Wara kienet saret taf minghand shabu li meta kien johrog maghhom, kien hemm diversi drabi fejn kien ha d-droga.

L-attrici kkonfermat li l-intimat qatt ma vversa manteniment ghall-ibnu minuri. Meta l-minuri kellu madwar sentejn u nofs, l-intimat kien ghamel kuntatt mal-attrici biex jibda jarah u ghamlet perjodu tghaddi it-tifel lill-intimat quddiem l-ghassa taz-Zurrieq. Fis-sena 2014, l-attrici spiccat il-habs u meta sar jaf, l-intimat kien mar ghand ommha u ordna li jiehu lit-tifel mieghu. It-tifel baqa' xahar mal-intimat sakemm l-attrici kienet arrestata b'mod preventiv. Kif harget bil-liberta' provizorja, l-attrici kienet intavolat rikors quddiem din il-Qorti u din il-Qorti diversament preseduta kienet ordnat li l-minuri jirrisjedi mal-omm b'access ghall-missier. L-attrici kienet qieghda tirrisjedi Ghawdex u ghal diversi gimghat kienet tinsel bil-minuri minn Ghawdex sabiex il-minuri jmur ghall-access ma' missieru iz-Zurrieq u l-missier ma kienx jitfacca.

L-attrici specifikat illi minkejja li s-self mal-bank kienu haduh sabiex jarredaw il-fond matrimonjali, l-intimat kien spicca jberbaq dawn il-flus sabiex jarma l-karozzi ghal Hal Far. In fatti l-attrici tghid illi parti sostanzjali kienu marru sabiex l-intimat kien xtara *Cosworth.*

L-attrici xehedet quddiem l-Assiatent Gudizzjarju waqt is-seduta ta’ nhar is-6 ta’ Mejju 2024 fejn ezebixxiet rendikont (*statements)* tal-kont tas-self mal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* (fol. 93 et seq.). Dan ir-rendikont juri bilanc ta’ wiehed u tletic elf u tmien mitt euro (€31,800) f’Awissu 2006 li telgha ghal massimu tieghu f’Jannar 2008 fl-ammont ta’ tnejn u sebghin elf euro (€72,000) u baqa’ dejjem niezel sussegwentement minhabba pagamenti li kienu qed isiru. Fid-data tal-gheluq tal-kont, il-kont kellu bilanc ta' tlieta u erbghin elf, disa’ mija tnejn u disghin euro (€43,992) (fol. 121). *Di piu’* l-attrici ezebixxiet ukoll kopja ta’ sitt (6) pagamenti li saru minn missierha ghas-saldu tas-sehem taghha (fol. 115 et seq.)

Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

1. *Ix-xhieda ta’ Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c* (vide fol. 46) fejn gie stabbilit li l-attrici kellha kont li nghalaq f’Novembru 2022 kif ukoll kont ta’ self li kien kongunt bejn il-partijiet. F’Marzu 2022 il-bank ircieva l-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf u hames mitt euro (€21,500) minghand missier l-attrici u n-nofs l-iehor tas-self giet mahruga mill-gdid f’isem l-intimat f’Gunju 2022. Madanakollu l-intimat ma ghamel l-ebda pagament ghal dan is-self.

2. *Ix-xhieda ta’ Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.* (fol. 49A) fejn gie stabbilit li kien hemm kont wiehed f’isem l-attrici li kien inghalaq f’Settembru 2020.

3. *Ix-xhieda ta’ Vanessa Bonello, in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta p.l.c.* (fol. 51) fejn ikkonfermat li hadd mill-partijiet ma kellu relazzjonijiet bankarji mal-bank indikat.

4. *Ix-xhieda ta’ Sarah Ann Debattista, in rapprezentanza tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin*, (fol. 53). Ix-xhud hija *psychology practitioner* ddikjarat li l-attrici dahlet il-habs fil-21 ta’ Gunju 2018. Hi tara lit-tfal taghha permezz tal-vizti li jkollhom il-prigunieri kollha iżda oltre minn hekk kellha madwar sebgha (7) vizti li nzammu gewwa l-*Marsa Family Room.* Bhala parti minn dan il-pjan ta’ kura, l-attrici tattendi sessjonijiet ta’ terapija.

5. *Ix-xhieda ta’ Dr Patrizia Salerno, in rapprezentanza tal-APS Bank p.l.c.,* (fol. 58) fejn ikkonfermat li hadd mill-partijiet ma kellu relazzjonijiet bankarji mal-bank rapprezentat.

6. *Ix-xhieda ta’ Louis Buhagiar, in rapprezentanza ta’ Jobsplus*, (fol. 60) li permezz taghha

x-xhud ezebixxa kopja tar-rendikont tal-impjieg tal-partijiet. Ir-rendikont tal-impjieg tal-attrici juri li l-attrici kienet impjegata ghal ftit granet jew gimghat sporadikament, b'uhud mill-impjiegi jdumu biss ftit tal-granet. L-attrici ma zammet l-ebda impjieg ghall-aktar minn xahrejn. L-ahhar impjieg li kellha kien fis-sena 2018. Ir-rendikont tal-impjieg tal-intimat juri aktar stabbilta' allavolja l-intimat ukoll biddel diversi impjiegi mas-snin. Huwa mar minn impjieg ghall-iehor u ghalhekk dejjem kellu xi forma ta' introjtu.

7. *Ix-xhieda ta' RPC 3018 Ismene Fenech, in rapprezentanza tal-Ufficju tal-Ghassa tal-Qawra*, (fol. 62) li permezz taghha pprezentat kopja ta' rapport maghmul mill-attrici kontra l-intimat. Dan ir-rapport datat 16 ta' Ottubru 2013 jghid illi l-attrici qatt ma kienet irceviet l-ebda tip ta' manteniment sad-data tar-rapport u li kellha bzonn il-firma tal-missier li ma kienx qed ihalliha tkellmu.

8. *Ix-xhieda ta' PC 1193 Ryan Zammit, in rapprezentanza tal-Ufficju tal-Ghassa taz-Zurrieq*, (fol. 62) li permezz taghha pprezenta kopja tas-sittax (16) ir-rapport maghmul mill-attrici kontra l-intimat kif ukoll kopja ta' rapport maghmul mill-attrici kontra l-intimat gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara. Dawn ir-rapporti jittrattaw is-segwenti:

   a. Rapport datat 25 ta' Novembru 2011 fejn l-attrici rraportat li l-intimat ma kienx taha manteniment fis-sena precedent;
   b. Rapport datat 15 ta' Dicembru 2010 fejn l-attrici rraportat li kienet irceviet telefonata mir-ragel taghha sabiex jara lit-tifel taghhom stante li kien riesaq il-Milied u hi rrifjutat ghaliex kien ilu tlett snin ma jara lit-tifel u disa' xhur ma jcempel.
   c. Rapport datat 2 ta' Marzu 2015 fejn l-attrici rraportat li fil-granet precedenti li kienu tal-access taghha, l-intimat missier ma kienx wassal lit-tifel ghandha. Meta l-intimat gie mitkellem mill-Pulizija huwa ta spjegazzjoni ghal kull data u cjoe li kienet ghadha kemm harget mill-habs u ma kinetx qaltlu biex jehodulha ghalkemm kienu tkelmu fuq il-*mobile*. Huwa stqarr li hu kien gie mcahhad mill-minuri ibnu tant li meta l-attrici kienet dahlet il-habs, il-Pulzija kienu hadu s-sieghat sakemm fittxew u sabu lill-minuri gewwa l-apartament tas-sieheb tal-attrici (fol. 9).
   d. Rapport datat 4 ta' Marzu 2015 fejn l-attrici rraportat li dakinhar hija kellha l-access kif degretat minn din il-Qorti diversament preseduta. Filghodu kienet cemplet lill-missier li kien ikkonfermalha li kien ser iwassal lit-tifel. X'hin wasal hin l-access u ma tfaccax hija kienet regghet cemplitlu u hu kien infurmaha dak il-hin li kien ghand l-avukat tieghu biex idahhlu rikors biex it-tifel ma tiehdux.

Meta gie mitkellem l-intimat mill-Pulizija huwa qal li l-minuri kellu l-futbol dak il-hin u kien intavola rikors biex ibiddel il-hin tal-access sabiex ma jahbatx mal-futbol.

e. Rapport datat 6 ta' Marzu 2015 fejn l-attrici rraportat li minkejja d-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, l-intimat ma kienx ha lill-minuri ghall-access li kellha hi mieghu. Meta l-intimat gie mitkellem mill-Pulizija, hu qal li fil-hin tal-access, il-minuri kellu l-Muzew.

f. Rapport datat 7 ta' Marzu 2015 fejn l-attrici rraportat li minkejja d-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, l-intimat ma kienx ha lill-minuri ghall-access li kellha hi mieghu. Dan wara li dakinhar kemm hi kif ukoll missierha kienu cemplu lill-intimat u dan kien ikkonfermalhom li kien ser iwassal lill-minuri ghandha. Fil-hin tal-access, huwa kien cempel lill-missier l-attrici biex jinfurmah li ma kienx ser jiehu lill-minuri ghax kien gie rikoverat l-isptar u li l-minuri kien ser jibqa' mal-genituri tieghu. Il-Pulizija vverifikaw li l-intimat kien verament l-isptar u anke tkelmu ma' missieru li kkonferma li l-minuri kien fil-kura tieghu u li kien fi stat ta' sahha tajjeb.

g. Gie pprezentat rapport datat 6 ta' Marzu 2015 li jidher li dan gie pprezentat bi zvista stante li l-partijiet li jissemmghu mhumix il-partijiet f'dawn il-proceduri.

h. Rapport datat 10 ta' Mejju 2015 li permezz teighu l-attrici rraportat li dakinhar l-intimat missier ma kienx mar jigbor lit-tifel taghhom ghall-access li kellu skont digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta. Meta gie mitkellem l-intimat mill-Pulizija, huwa stqarr li matul il-gurnata kien hemm diversi telefonati fuq l-access. Fil-hin tal-access huwa kien anke mar wara l-bieb tal-attrici fejn hi kienet qaltlu li t-tifel ma ridx imur ghall-access. Il-Pulizija marru fir-residenza tal-attrici fejn is-sieheb tal-attrici beda jghid lill-minuri biex iwasslu ghand missiru izda l-minuri beda jirrifjuta li jmur ghax beda jghid li qed jibza' minn missieru. Meta l-Pulizija tkelmu mal-attrici li d-digriet ta' din il-Qorti kien jghid li l-minuri kellu jirrisjedi mal-missier, hi nfurmat lill-Pulizija li kienet intavolat rikors sabiex tbiddel dak id-digriet.

i. Rapport datat 16 ta' Mejju 2015 fejn l-attrici rraportat li fil-gurnata ta' qabel, l-intimat missier kien cempel lit-tifel u hi kienet semghetu jghid fuq il-mobile li qed joqtluh bl-inkwiet. Hija kienet ghamlet il-mobile fuq *loudspeaker* fejn instema' diversi theddid fuq il-hajja tal-attrici u l-membri tal-familja taghha. L-attrici rraportat li missier l-intimat kien qieghed isegwiha. Meta l-intimat missier gie mitkellem mill-Pulizija, huwa nnega li hu kien cempel fil-gurnata ta' qabel, li hu kien ikellem lill-attrici permezz ta' messaggi biss u li kien ikellem lit-tifel biss permezz ta' telefonati. Il-Pulizija kelmu wkoll lill-missier l-intimat li nnega li

kien segwa jew mar vicin ir-residenza tal-attrici. Huwa qal li qed jevita li jmur hdejn ir-residenza tal-attrici anke jekk fil-vicin hemm habib kbir tieghu jirrisjedi hemm. Huwa hassu ffastidjat li l-attrici kienet waslet taghmel rapport falz fuqu.

j. Rapport datat 13 ta' Dicembru 2015 fejn l-attrici rraportat li wara d-digriet tal-21 ta' Mejju 2015 ta' din il-Qorti diversament preseduta, l-intimat ma kienx rega' mar ghall-minuri minkejja li kellu dritt ta' access. Hu kien ukoll biddel in-numru tal-mobile tieghu u ghalhekk ma kellix kuntatt mieghu. Filghaxija l-attrici kienet irceviet telefonata mill-Ghassa minhabba li l-intimat kien talab li jwasslulha messagg li ried jara lit-tifel stante li kien qed joqrob il-Milied.

k. Rapport datat 22 ta' Frar 2016 fejn l-attrici rraportat li l-intimat kien ilu minn Gunju 2015 ma jezercita l-access tieghu li kellu skont digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta.

l. Rapport datat 22 ta' Frar 2016 li permezz tieghu l-attrici rraportat li kienet ghaddejha bil-karozza taghha u rat lil zijuha jitkellem mal-intimat. Hija waqfet biex tghid lil zijuha li ma kinetx hadet pjacir tarah ikelmu meta l-intimat beda jghajjat u jinsulentaha filwaqt li s-siehba tieghu qaltilha li lit-tifel taghha ma kienetx ser tgawdih. L-intimat informa lill-puluzija li hu kellu dritt ikellem liz-ziju tal-attrici. Il-partijiet kollha kellhom imputazzjonijiet rispettivi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn ghamlu obligazzjoni mal-Qorti li ma jinsulentawx jew jimmolestawx lil xulxin.

m. Rapport datat 2 ta' Marzu 2016 fejn l-attrici rraportat li fil-gurnata ta' qabel, l-intimat ma kienx mar jigbor lill-minuri binhom ghall-access li kellu skont id-digriet tal-Qorti. Meta l-Pulizija ghamlet kuntatt mal-intimat huwa nfurmahom li kien ma jiflahx u kellu certifikat mediku.

n. Rapport datat 5 ta' Marzu 2016 fejn l-attrici rraportat li fil-granet precedenti, l-intimat ma kienx mar jigbor lil binhom minuri ghall-access li kellu skont digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta.

o. Rapport datat l-1 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu l-attrici rraportat li aktar kmieni dakinhar kienet cemplet lill-intimat biex tkelmu fuq l-uniformi u affarijiet relatati mal-iskola ta' binhom. Hu beda jghajjarha u jheddidha li ser itajrilha rasha. Meta l-intimat gie mitkellem huwa cahhad ghaliex huwa kien qed jezercita access ghat-tifel. Huwa semma' li fil-vaganzi tal-Ghid, il-minuri kien ghamel ghaxart ijiem mieghu u f'Gunju kien qatta' tmiem il-gimgha shih mieghu. Huwa qal li t-tifel kien cempillu mit-telephone tad-dar fejn kien qallu biex jirranga m'ommu sabiex ikun jista' jmur mieghu ghall-access. Huwa cahad li kien hedded lill-attrici u qal li qed taghmel minn kollox biex tarah gol-habs.

p. Rapport datat 8 ta' Lulju 2016 fejn l-attrici rraportat li l-missier ma kienx tfacca

ghall-access mal-minuri binhom. Hija kienet hadet lill-minuri l-Imtarfa izda l-intimat ma kienx tfacca. Telefonati u messaggi ma jwegibix.

q. Rapport datat 23 t'Awissu 2016 li permezz tieghu l-attrici rraportat li kienet hadet lill-minuri fejn kienu fthemu li ser jiltaqghu ghall-access tal-intimat skont digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta. Hu ma kienx tfacca u meta cemplitlu, huwa beda jheddidha li kien ser itajrilha rasha u lil missierha. Meta l-Pulizija kelmu lill-intimat missier, dan qal li kien cemplilha biex jinfurmaha li kien ser idum ix-xoghol u kienet hi li bdiet toffendih.

9. *<u>Kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni li gie ppubblikat in atti tan-Nutar Dr Mary C Cutajar nhar l-24 ta' Settembru 2004</u>* (fol. 84) li permezz tieghu l-attrici akkwistat il-fond matrimonjali tal-partijiet b'titolu ta' donazzjoni.

10. *<u>Martin M, ossia missier l-attrici</u>*, (fol 87A) ikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokumenti ezebiti mill-attrici u ċjoe l-prokura li kienet inghata minnha lilu kif ukoll il-firem tieghu fuq ic-cekkijiet li permezz taghhom huwa kien hallas is-sehem tal-attrici mis-self mal-*HSBC Bank Malta p.l.c.*

11. *<u>Stephania Calafato Testa, fl-irwol taghha ta' Assistant Registratut Qrati Kriminali</u>*, (vide fol. 89A) tat rendikont (fol 209, 210) tas-sentenzi moghtija fil-konfront tal-attrici minn Qrati Kriminali kif gej:

a. Sentenza moghtija fil-25 ta' Marzu 2014 fejn l-attrici instabet hatja li kienet uzat ismijiet jew kwalifiki foloz u ghamlet qliegh b'qerq ta' haddiehor (fol. 122) u nharget ordni ta' trattament u ordni ta' *probation* fil-konfront tal-attrici.
b. Sentenza moghtija fit-23 ta' Marzu 2015
c. Sentenza moghtija fid-19 ta' Dicembru 2014 li gie ntavolat appell minnha
d. Sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 2021
e. Sentenza moghtija fis-16 ta' Gunju 2015 fejn l-attrici instabet hatja li kienet ikkommetiet serq minn go residenza ta' zewġ individwi.
f. Sentenza moghtija fit-22 ta' Lulju 2015
g. Sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2013 fejn l-attrici instabet hatja li kienet ikkommetiet serq ta' deheb kif ukoll li kienet kisret kundizzjonijeit tal-liberta' provizorja
h. Sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar 2009 instabet hatja li ghamlet uzu ta' ismijiet jew kwalifiki foloz jew nqdiet b'qere sabiex ghamlet qlight ta' ghoxrin elf euro (€20,000) ghad-dannu ta' haddiehor (fol. 135)

i. Sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2014
j. Sentenza fis-6 ta' Marzu 2014
k. Sentenza moghtija fis-6 t'April 2017
l. Sentenza moghtija fil-11 ta' Frar 2016 li gie ntavolat appell minnha izda li sussegwentement gie desert
m. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-5 ta' Lulju 2018 fejn ikkonfermat il-piena li kienet inghatat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2013 wara li kienet ammetiet li kienet uzat ismijiet jew kwalifiki foloz jew inqdiet b'qerq ghad-dannu ta' haddiehor (fol. 141)
n. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fid-9 ta' Gunju 2020 fejn ikkonfermat il-piena li kienet inghata fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Dicembru 2014 wara li kienet instabet hatja li kienet uzat ismijiet jew kwalifiki foloz jew inqdiet b'qerq ghad-dannu ta' haddiehor (fol 145)
o. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta' Lulju 2020 fejn ikkonfermat il-htija tal-attrici izda varjat il-piena ghal sentejn prigunerija u dan wara li l-attrici kienet giet akkuzata illi uzat ismijiet jew kwalifiki foloz jew inqdiet b'qerq ghad-dannu ta' haddiehor, kienet recidiva u kienet kisret ordni ta' *probation* fil-perjodu operattiv (fol. 159)
p. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta' Lulju 2020 fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju 2017 li permezz taghha l-attrici u persuna ohra kienu hebbew ghal terza persuna u kkagunaw feriti ta' natura hafifa, kisru l-paci u l-bon ordni u ghamlu l-hsara jew gharrqu l-hwejjeg ta' haddiehor. (fol. 159)
q. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta' Lulju 2020 fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 t'April 2017 li permezz taghha kienet sabet lill-attrici hatja li kienet iffalsifikat sigilli, timbre jew marki ohra, iffalsifikat f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, ghamlet falsifikazzjoni ta' skrittura private u falsifikazzjonijiet ohra (fol. 171)
r. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-28 ta' Settembru 2020 fejn ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Lulju 2015 li permezz taghha l-attrici kienet instabet hatja li ghamlet uzu minn ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew inqdiet b'qerq iehor sabix ghamlet qliegh ghad-dannu ta' diversi persuni kif ukoll li kien naqset milli thares il-kundizzjonijiet impost fuqha mill-Qorti meta inghatat helsien mill-arrest. Instabet

hatja ukoll li kienet ikkommettiet reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza (fol. 179).

s. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-15 ta' Settembru 2022 illi annullat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan ghaliex l-Ewwel Qorti kien illiberat lill-attrici minn tnejn mill-imputazzjonijiet minkejja li l-attrici kienet ammettiet ghall-istess imputazzjonijiet (fol. 188).

t. Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-15 ta' Settembru 2022 illi annullat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Jannar 2021 stante li d-dispositti tas-sentenza kien kontradittorju (fol. 208).

12. *Nutar Dr Mary C Cutajar*, (fol. 89E) ikkonfermat il-veracita' tal-kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fl-atti taghha stess sabiex il-fond matrimonjali tal-partijiet ghaddiet fuq l-attrici minn nanniet taghha.

**Ikkunsidrat:**

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi***

> ***trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA C utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-***

> ***bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond***

---

[1] Enfazi tal-Qorti.

> ***taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-ġenituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha kawza li permezz taghha l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-intimat u dan minkejja li jidher li l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar tmintax (18)-il sena. *Di piu',* l-attrici titlob li jigu regolati l-aspetti relatati ghall-minuri iben tal-partijiet JM, **madanakollu l-istess wild ghalaq it-tmintax (18)-il sena fil-bidu tas-sena kurrenti.**

**Dwar il-htija tat-tifrik taz-zwieg.**

Din il-Qorti tara illi kull m'ghandha quddiemha hija t-testimonjanza tal-attrici bhala prova li fuqha tista' tiddeciedi fuq il-htija ghat-tifrik taz-zwieg. Ghalkehmm l-attrici kienet qieghda tixhed bil-gurament, xorta jibqa' l-fatt li l-fatti dikjarati minnha ma gew bl-ebda mod sostanzjalizzati minnha, la permezz ta' xhieda ohra u lanqas ta' provi dokumentarji. Min-naha l-ohra, din il-Qorti tara li l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni madanakollu baqa' la deher ghas-seduti, la ntavola risposta u lanqas ntavola nota ta' sottomissjonijiet meta gie mghoti l-opportunita' jaghmel dan minn din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn ma temminx il-verzjoni tal-attrici. Meta tqis il-verzjoni tal-fatti kif irrakontati mill-attrici, jirrizulta li z-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba l-adulterju tal-intimat li wassal lill-attrici biex tkecci lill-intimat 'il barra mid-dar matrimonjali. Ghal din il-Qorti huwa aktar sinifikanti l-abbandun tal-intimat li la kien prezenti ghal moment sinifikanti bhalma hu t-twelid tat-tifel tal-partijiet, la qatt ha interess regolari f'ibnu, la vversa manteniment, u lanqas intavola proceduri matul dawn is-snin sabiex juri l-interess tieghu. Jidher li kien konvenjenti ghall-intimat li kompla b'hajtu minn dakinhar

li telaq mid-dar matrimonjali u ma' refgha xejn mir-responsabbilta' tieghu, la ta' konjugi u wisq anqas ta' missier. Ghalhekk din il-Qorti tqis lill-intimat bhala li kkawza t-tifrik taz-zwieg tal-partijiet.

**Dwar il-minuri iben il-partijiet**

Din il-Qorti tqis illi l-minuri ghalaq l-eta' tat-tmintax (18)-il sena fil-bidu tas-sena kurrenti u ghalhekk m'ghadhux soggett ghall-awtorita' tal-genituri tieghu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tastjeni mit-talbiet sabiex tafda lill-attrici bil-kura u kustodja tal-minuri b'mod esklussiv. Ghall-istess raguni, il-minuri issa huwa liberu li jaghzel kif irid iqatta' l-hin tieghu u ghalhekk mhemmx lok li din il-Qorti tiffissa access ghal xi hadd mill-partijiet u l-minuri.

Jibqa' biss il-kwistjoni tal-manteniment. Quddiem din il-Qorti ma tresqet l-ebda prova mill-attrici fuq x'qed jekk il-minuri huwix fil-prezent qieghed jistudja jew jahdem u jekk ghadu qed jistudja, fuq liema bazi. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi manteniment bis-soliti modalitajiet li jkun dovut suggett ghal prova li iben il-partijiet ghadu qieghed jistudja fuq bazi *full-time* liema manteniment jibqa' dovut sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm jittermina l-istudji tieghu skont liema minn dawn il-kundizzjonijiet tavvera ruhha l-ewwel. Kemm-il darba JM ma jibqax jirrisjedi ma' ommu l-attrici, tali manteniment ghandu jithallas direttament lil JM miz-zewg genituri. Din il-Qorti taghmilha cara li dan il-provvediment qieghed jinghata stante li l-manteniment jithallas ghal bzonnijiet tal-minuri u sabiex jappoggja lill-minuri sakemm ikunu ghadhom ghaddejjin bl-istudji taghhom.

**Dwar il-kommunjoni tal-akkwisti**

Din il-Qorti tifhem li l-ghan principali ta' dawn il-proceduri kienu sabiex tigi xolta u tterminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet minkejja t-trapass taz-zmien. Min-naha l-ohra, din il-Qorti tara li m'hemmx propjeta' x'tigi diviza stante li l-partijiet ilhom snin shah jghixu hajja separata minn xulxin. **Il-prova dokumentarja tal-kuntratt ta' donazzjoni li giet pprezentata u kkonfermata min-Nutar Dr Mary C Cutajar hija l-aqwa prova li l-attrici setghet iggib sabiex turi li l-fond matrimonjali huwa**

**propjeta' esklussiva taghha derivanti minn donazzjoni minn nanniet taghha.** Ghalhekk lanqas dan il-fond ma jrid jigi likwidat u diviz minn din il-Qorti. Mill-bqija ma ngiebu l-ebda provi ta' xi proprjetajiet ohra li ghandhom il-partijiet u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tassenja proprjeta', mobbli jew immobbli, jekk ma tirrizultax mill-atti u dan fuq il-principju legali ta' *quod non est in actis non est in mundo.* Il-Qorti tqis li s-self li kien hemm bejn il-partijiet gie maqsum bejn il-partijiet mill-Bank stess fis-sena 2022. Min-naha l-ohra l-kontijiet bankarji li kien hemm f'isem il-partijiet jidhru li gew maghluqa wkoll.

In vista tal-kontumacja tal-intimat il-Qorti taghraf li ma hemm ebda eccezzjoni li ghandha tigi sollevata minnha *ex officio.*

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut;**
2. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li iben il-partijiet illum lahaq l-eta' maggorenni u ghalhekk m'ghadux soggett ghall-awtorita' tal-genituri tieghu;**
3. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba ghall-istess raguni hawn fuq indikata;**
4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba ghall-istess raguni hawn fuq indikata;**
5. **Tilqa' l-hames talba u tiffissa manteniment ta' tlett mitt euro (€300) ghall-bzonnijiet ta' iben il-partijiet JM liema manteniment ghandu jkun dovut soggett ghall- prova li iben il-partijiet ghadu qieghed jistudja fuq bazi *full-time* liema manteniment jibqa' dovut sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm jittermina l-istudji tieghu skont liema minn dawn il-kundizzjonijiet tavvera ruhha l-ewwel. Kemm-il darba JM ma jibqax jirrisjedi ma' ommu l-attrici, tali manteniment ghandu jithallas direttament lill-wild miz-zewg genituri;**
6. **Tilqa' s-sitt talba taht il-kundizzjonijiet indikati fid-decide numru hamsa;**
7. **Tichad is-seba' talba;**
8. **Tilqa' t-tmien talba;**

**9. Tilqa' d-disa' talba;**

**10. Tilqa' l-ghaxar talba limitatament u tghaddi biex ixxolji, u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, waqt li tiddikjara li d-dar matrimonjali hija propjeta tal-attrici moghtija lilha permezz ta kuntratt ta donazzjoni mill-familjari taghha. Tichad il-bqija tat-talba fuq nuqqas ta' provi dwar din il-pretensjoni;**

**11. Tichad il-hdax it-talba fuq nuqqas ta' provi dwar din il-pretensjoni;**

**12. Tichad it-tnax it-talba fuq nuqqas ta' provi dwar din il-pretensjoni;**

**13. Tilqa' limitatament it-tlettax it-talba, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni tal-partijiet biex din tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku. Ma tresqet l-ebda talba sabiex din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti ta' din it-talba li permezz taghha qed jintalab li l-hall taz-zwieg jigi kkomunikat u registrat;**

**14. Tilqa' l-erbatax it-talba;**

**15. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hmistax it-talba;**

**L-ispejjes ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**

**Deputat Registratur**